# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## Id-Disa' LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 57/2023/09

**Data tal-laqgħa:** 29 ta' Marzu, 2023

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop fl-17:30hrs.

### Preżenti:

| | |
|---|---|
| Terence Agius | ***Kunsillier*** |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** |
| John Luke Cassar | ***Kunsillier*** |
| Cody Galea | ***Kunsillier*** |

### Assenti b'apoloġija *(Skont Ordni Permanenti 14A [3])*

| | |
|---|---|
| Ritienne Caruana | ***Kunsillier*** |

### Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Antonia Demicoli | ***Segretarju Eżekuttiv*** |

# MINUTI

Is-Sindku Terence Agius ippreseda l-laqgħa.

## 57.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

57.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsilliera Ritienne Caruana li ma setgħatx tattendi għal din il-laqgħa minħabba raġunijiet ta' familja, liema raġuni kienet aċċetata mill-Kunsill Lokali *nem.con.*

## 57.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 56

57.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 56 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mill-Kunsillier John Luke Cassar, li kienet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 57.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

57.3.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari SPI/SCI/01/2023 – Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2023/2024 mingħand id-Direttorat għall-Gvern Lokali. Id-data tal-għeluq għal din l-applikazzjoni hija l-Erbgħa, 26 ta' April, 2023.

57.3.1.1 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din iċ-Ċirkulari u ħasbu li ssir applikazzjoni għall-Irkottafest 2024. Biss minħabba li l-Irkottafest tkun organizzata f'Mejju, il-Kunsill mhux se jkun jista' jagħmilha minħabba li ser ikun hemm l-Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali. Għaldaqstant ġie deċiż li l-Kunsill ma japplikax għal din l-iSkema.

57.3.1.2 Apparti hekk il-Kunsilliera qalu li l-Kunsill, kif kien diġà mitkellem, ma kienx f'pożizzjoni finanzjarja li seta' jagħmel l-Irkottafest 2023 u għaldaqstant ma kienx ser japplika għal din l-iSkema. L-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill mhux qed tippermetti li jsiru spejjeż addizzjonali għax lanqas biss qed tkun biżżejjed għall-ispejjeż kurrenti u li jridu jsiru bil-fors.

57.3.2 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari SPI/SCI/02/2023 – Espressjoni ta' Interess għal Servizz ta' manutenzjoni fil-Libreriji Lokali u Reġjonali fil-lokalitajiet madwar Malta u Għawdex mingħand id-Direttorat għall-Gvern Lokali. Id-data tal-għeluq għal din l-applikazzjoni hija l-Ġimgħa, 28 ta' April, 2023.

57.3.2.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din iċ-Ċirkulari u qalu li hija interessanti, iżda bħal ma qalu fir-rigward taċ-Ċirkulari SPI/SCI/01/2023, dak diskuss f'minuta 57.3.1.2 jgħodd ukoll għal din iċ-Ċirkulari.

57.3.2.2 Il-Kunsilliera talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex twieġeb din l-*email* u tagħti din ir-risposta, li l-Kunsill jixtieq japplika imma ma għandux finanzi xi jħallas. Huma talbu li fl-*email* ikunu kkuppjati wkoll l-Onor. Ministru Owen Bonnici u l-Onor. Segretarju Parlamentari Alison Zerafa Civelli.

57.3.3 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari SPI/SCI/03/2023 – Espressjoni ta' Interess: The World Cleanup Campaign 2023, mingħand id-Direttorat għall-Gvern Lokali. Id-data tal-għeluq għal din l-applikazzjoni hija l-Hamis, 15 ta' Ġunju, 2023.

57.3.3.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din iċ-Ċirkulari u kien hemm qbil li ma ssirx applikazzjoni u jekk issir applikazzjoni mir-Reġjun Punent, jekk ma jkunx hemm spejjeż għall-Kunsill, il-Kunsill ikun lest li jipparteċipa.

57.3.4 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari SPI/SCI/04/2023 – Skema Finanzjarja – Komunitajiet aktar siguri u organizzati, mingħand id-Direttorat għall-Gvern Lokali. Id-data tal-għeluq għal din l-applikazzjoni hija l-Ġimgħa, 28 ta' Lulju, 2023.

57.3.4.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din iċ-Ċirkulari u qalu li hija interessanti, iżda bħal ma qalu fir-rigward taċ-Ċirkulari SPI/SCI/01/2023, dak diskuss f'minuta 57.3.1.2 jgħodd ukoll għal din iċ-Ċirkulari.

57.3.4.2 Il-Kunsilliera talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex iddaħħal din mat-tweġiba li ser tintbgħat lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali u tinfurmahom li l-Kunsill jixtieq japplika imma ma għandux il-15% tal-finanzi li huwa jeħtieġ iħallas minn naħa tiegħu.

57.3.5 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari SPI/SCI/05/2023 – Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali mingħand id-Direttorat għall-Gvern Lokali. Id-data tal-għeluq għal din l-applikazzjoni hija l-Ġimgħa, 25 ta' Awwissu, 2023.

57.3.5.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din iċ-Ċirkulari u qalu li hija interessanti, iżda bħal ma qalu fir-rigward taċ-Ċirkulari SPI/SCI/01/2023, dak diskuss f'minuta 57.3.1.2 jgħodd ukoll għal din iċ-Ċirkulari.

57.3.5.2 Il-Kunsilliera talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex iddaħħal din mat-tweġiba li ser tintbgħat lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

57.3.6 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Nru. 4/2023 dwar Proġett ta' School Grannies mingħand id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

57.3.6.1 Is-Sindku qal li d-Direttorat kien qed iħeġġeġ lill-Kunsilli biex jimxu fuq il-ftehim li sar bejn il-Ministeru għall-Anzjanità Attiva u s-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali li jipprovdi sabiex tfal u anzjani fil-lokalità tax-Xewkija igawdu mill-proġett ta' *School Grannies* u li permezz ta' dan il-ftehim persuni anzjani jassistu lit-tfal waqt li jkunu deħlin/ħerġin mill-iskola primarja.

57.3.6.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din iċ-Ċirkulari u qablu li joħorġu sejħa għal dawk interessati biex ikunu parti minn dan il-proġett.

57.3.7 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Nru. 5/2023 dwar il-Linji Gwida dwar il-Proċessi ta' Ħlas u Rimbors għas-Servizz ta' Ġbir tal-Iskart mingħand id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

57.3.7.1 Is-Sindku spjega li d-Dipartiment kien ser iżomm 70% mit-tieni, mit-tielet u mir-raba' *tranche* tal-allokazzjoni tal-iskart biex tgħaddi direttament għand ir-Reġjun Punent biex ikunu jistgħu jitħallsu l-kontijiet tal-iskart.

57.3.7.2 Il-Kunsilliera preżenti qalu li huma qatt ma jistgħu jaqblu li l-flus li kienu allokati għall-Kunsill jingħataw lir-Reġjun u tali deċiżjoni kellha tittieħed mill-Kunsill u mhux tiġi imposta fuq il-Kunsill hekk. Din ser tkompli tgħarraq is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill.

57.3.7.3 Il-Kunsilliera talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex twieġeb fuq din iċ-Ċirkulari u tinfurmahom b'dan.

57.3.8 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Nru. 6/2023 – Kjarifika rigward Permessi mogħtija mill-Kunsilli Lokali taħt ir-Regolamenti dwar Attivitajiet li jeħtieġu Permess mill-Kunsilli Lokali (Leġislazzjoni Sussidarja 441.04), mid-Direttorat tal-Gvern Lokali.

57.3.9 Is-Sindku ħareġ mil-laqgħa fis-19:00hrs minħabba li kellu impenn ieħor u għadda t-tmexxija tal-laqgħa f'idejn il-Viċi Sindku Joseph Schembri.

57.3.10 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva ringrazzjament mingħand il-Kappillan dwar l-għajnuna li ta l-Kunsill lill-parroċċa fis-self tas-sala tal-Kunsill biex setgħu isiru l-eżerċizzi.

57.3.11 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri informa lill-Kunsilliera preżenti li, wara li l-Kunsill kien ipparteċipa fl-ewwel laqgħa tal-Proġett Ewropew bit-tema 'Strengthening European Identity in Times of Crises', li sar f'Padron fi Spanja, l-Kunsill kien irċieva d-dati dwar l-erba' laqgħat li fadal isiru.

57.3.11.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri spjega li waħda minn dawn il-laqgħat ser issir f'Malta f'Diċembru li ġej u għaldaqstant il-Kunsill irid jaħdem bi sħiħ biex jilqa' fil-lokalità delegazzjoni magħmula minn diversi membri minn 14-il pajjiż differenti. Dan jagħmel unur u riklam lil din il-lokalità li għalkemm żgħira fid-daqs fiha ħafna x'toffri.

57.3.12 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward problemi dwar *street lighting* minħabba l-maltemp.

57.3.13 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali rigward sessjonijiet informattivi bit-tema *'Social Determinants of Health'.*

57.3.13.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dawn is-sessjonijiet u qablu li l-Kunsill għandu juri l-interess biex issir sessjoni f'Ħal Kirkop.

57.3.14 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mill-YMCA Malta rigward *Psychoterapeutic Service* u *Counseling Sessions* li qed joffru liċ-ċittadini.

57.3.14.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li jsir poster biex jittella' fuq il-midja soċjali biex ir-residenti jkunu infurmati b'dan is-servizz.

57.3.15 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mill-Iskola Primarja ta' Ħal Kirkop rigward għajnuna għall-kompetizzjoni biex issir promozzjoni tal-użu tat-trasport pubbliku.

57.3.15.1 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li l-Kunsill jagħti *merchandise* tal-Kunsill biex ikun jista' jingħata lill-parteċipanti kollha.

57.3.16 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mir-Reġjun Punent rigward espressjoni ta' interess dwar il–World Book Day Weekend li ser jiġi ċċelebrat nhar is-Sibt, 23 ta' April, 2023.

57.3.16.1 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li għal din is-sena l-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop mhux interessat li jorganizza attività għal dan il-għan minħabba li l-Kunsill ma għandux finanzi.

57.3.17 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali rigward ICT Summer Traineeship Scheme 2023.

57.3.17.1 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li għal din is-sena ma japplikawx għal din l-iskema.

57.3.18 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand il-kumpanija TCTC rigward Proġetti Innovattivi u Edukattivi fil-Kunsilli.

57.3.18.1 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din il-korrispondenza u qablu għal din is-sena ma japplikawx, minħabba li l-ispiża hija għolja ħafna meta kkomparata mal-ammont ta' nies li normalment ikunu interessati li jattendu għal dawn il-korsijiet.

## 57.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

57.4.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li kien innota li in-No Entry Sign ta' Triq Tal-Aħfar ma kinetx tidher sew u kien hemm bżonn tiġi rilokata, filwaqt li tiżdied tabella oħra li turi No Right Turn.

57.4.1.1 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din il-materja u qablu li din it-tabella tiġi rilokata filwaqt li tiġi ordnata t-tabella kif suġġerit.

57.4.2 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li kellu diversi lmenti rigward il-kuntrattur tal-ġbir ta' skart fosthom li qed jidħol f'diversi toroq bir-*reverse*, qed jibda jiġbor fi gzuz qabel is-7.30hrs u qed igeddes quddiem il-garaxxijiet.

57.4.2.1 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din il-problema u qalu li huma wkoll kellhom ilmenti rigward it-tgeddis. Ġie deċiż li l-Kunsill jinforma lir-Reġjun biex dan it-tgeddis ma jibqax isir u biex tinġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur dwar id-dħul fit-toroq bir-*reverse*, biex dan l-abbuż ma jibqax isir.

57.4.3 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li ma kellu xejn x'jikkomunika f'dan l-istadju.

57.4.4 Il-Kunsillier Cody Galea qal li ma kellu xejn x'jikkomunika f'dan l-istadju.

## 57.5 Rapport tal-Ilmenti

57.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ilment rigward tneħħija ta' *parking bays* fi Triq il-Għasel k/m Triq Nerik Xerri, liema lment kien tressaq fil-laqgħa preċedenti u kienet intalbet aktar informazzjoni.

57.5.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat id-dokumenti riċevuti u ressqithom għad-diskussjoni.

57.5.1.2 Il-Kunsilliera ddiskutew dan l-ilment u ġie deċiż li jitneħħew l-ewwel żewġ *parking bays* li qegħdin kantuniera ma Triq Nerik Xerri.

57.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill talba biex issir bozza tad-dawl fi Sqaq fi Triq l-Industrija, Ħal Kirkop.

57.5.2.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u kien hemm qbil li din il-bozza ma ssirx għall-fatt li din it-triq qegħda barra mill-qalba tar-raħal, fi triq arterjali, u għaldaqstant kull meta saru bozoz f'din it-triq dejjem saru mill-Gvern Ċentrali.

57.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill suġġeriment minn residenta biex fi Triq Tal-Aħfar, in-naħa tal-bini jsiru l-kaxxi s-sofor quddiem il-garaxxijiet u bojod biex isir parkeġġ.

57.5.3.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan is-suġġeriment u qalu li ma għandhomx isiru dawn il-kaxxi għax huma ħela ta' riżorsi. Jekk il-persuna li għamlet is-suġġeriment titlob is-sinjali biex tkun tista' toħroġ mill-garaxx tagħha, isir biss dan li hemm bżonn.

57.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kumplament tal-ilmenti li daħlu matul dan ix-xahar, kif jidhru fil-lista tal-ilmenti, ma kellhomx għalfejn jiġu mressqa għall-attenzjoni tal-Kunsill għax kienu lmenti li ħadet ħsiebhom l-amministrazzjoni.

## 57.6 Vakanza għall-Skrivan – Skala 15

57.6.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri informa lill-Kunsilliera preżenti dwar ir-riżenja ta' wieħed mill-ħaddiema klerikali tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku qal li dan kien ser itemm l-impjieg tiegħu fl-aħħar ta' Mejju, 2023.

57.6.2 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri kompla jgħid li issa li kien hemm post vakanti, kien hemm bżonn li tinħareġ sejħa. Il-Kunsilliera ddiskutew dan u ġie deċiż li jintalab permess mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex tinħareġ sejħa interna biex il-post vakanti jimtela bi Skrivan fi Skala 15. Il-Kunsill għandu l-fondi neċessarji biex titħallas il-paga għal dan il-post vakanti b'mod indefinit.

57.6.3 Għaldaqstant il-Viċi Sindku Joseph Schembri ressaq mozzjoni biex tinħareġ sejħa interna għal Skrivan fi Skala 15, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

57.6.4 Għaldaqstant, il-Viċi Sindku Joseph Schembri talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex iġġib l-approvazzjoni għal din is-sejħa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

## 57.7 Data għal-Laqgħa Annwali tal-Lokalità

57.7.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri informa lill-Kunsilliera preżenti li skont il-liġi tal-Kunsilli Lokali, il-Kunsill kien meħtieġ li jagħmel laqgħa annwali tal-lokalità sal-15 ta' April, 2023. Hu qal li minħabba li l-Kunsilliera kollha kienu mħabbtin ħafna matul ix-xahar ta' Marzu, il-Kunsill ma kienx ser ilaħħaq issejjaħ din il-laqgħa sad-data stabbilita.

57.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li huwa ferm importanti li din il-laqgħa tissejjaħ kemm jista' jkun malajr peress li f'din il-laqgħa jiġu ppreżentati ir-Rapport Amministrattiv, ir-Rapporti Finanzjarji u l-Pjan ta' Ħidma.

57.7.3 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u ġie deċiż li l-laqgħa ssir f'Ġunju, 2023. Il-Kunsilliera ser ikunu qed jgħaddu d-disponibilità tagħhom lis-Segretarju Eżekuttiv biex tiġi ffisata data.

## 57.8 *Data Protection Officer*

57.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsilliera preżenti li l-kuntratt tad-*Data Protection Officer* kien ser jiskadi fl-aħħar ta' Marzu 2023 u li d-DPO preżenti kien bagħat kwotazzjoni bi prezz rivedut għal sena oħra.

57.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret fl-importanza li l-Kunsill ikollu *Data Protection Officer*.

57.8.3 Il-Kunsilliera talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex tpoġġi dan l-*item* fuq l-aġenda għad-diskussjoni fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss. Kien hemm qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 57.9 Kuntratt – Ċentru ta' Matul il-Jum

57.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kuntratt taċ-Ċentru ta' Matul il-Jum iffirmat mal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità kien ser jiskadi f'Diċembru, 2023 u għaldaqstant kienet tinħass il-ħtieġa li jibdew id-diskussjonijiet dwar it-tiġdid ta' dan il-kuntratt.

57.9.2 Il-Kunsilliera talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex tpoġġi dan l-*item* fuq l-aġenda għad-diskussjoni fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss. Kien hemm qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 57.10 Kuntratt - ATM

57.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kuntratt tal-ATM mal-BOV plc kien ser jiskadi f'Awwissu, 2023 u għaldaqstant kienet tinħass il-ħtieġa li jibdew id-diskussjonijiet dwar it-tiġdid ta' dan il-kuntratt.

57.10.2 Il-Kunsilliera ddiskutew il-kuntratt preżenti u qablu li dan għandu jiġġedded bl-istess kundizzjonijiet u l-Kunsill jitlob lill-BOV plc biex jgħin f'tisbieħ ta' xi *area* partikolari.

57.10.3 Il-Kunsilliera talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex tpoġġi dan l-*item* fuq l-aġenda għad-diskussjoni fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss. Kien hemm qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 57.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

57.11.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 136 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

57.11.2 Il-Kunsillier Cody Galea ressaq mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 136 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 57.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

57.12.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

57.12.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 19 ta' April, 2023 fl-16:30hrs.

57.12.3 Il-laqgħa ntemmet fit-19:54hrs.

*(iffirmati)*

| | |
|---|---|
| Terence Agius | Antonia Demicoli |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Eżekuttiv*** |

**Data:** 19 ta' April, 2023

**Mozzjoni Ref:** 299/23/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 56.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| John Luke Cassar | Joseph Schembri |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 29 ta' Marzu, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 300/23/9

**Mozzjoni:**

Biex tinħareġ sejħa interna għal Skrivan fi Skala 15.

**Proponent**
Joseph Schembri

**Sekondant**
John Luke Cassar

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 29 ta' Marzu, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 301/23/9

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 136.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Cody Galea | Joseph Schembri |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 29 ta' Marzu, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**